MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2009

Numru 1/2009

**Il-Pulizija**
**(Sp James Grech)**

**versus**

**Rosolino Paternostro**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Rosolino Paternostro ta' 48 sena iben Emanuele u Graziella nee' Furno, mwieled Sqallija fit-30 ta' Jannar 1961 u residenti 13, Via Guseppe Verdi, Portopalo (Capo Passero) u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru AL 8586070.

Akkużat talli nhar id-29 ta' Gunju 2009 u granet qabel, gewwa l-ibhra tas-sajd ta' Malta permezz tal-lanca tas-sajd bl-isem ta' Maria Salvatrice registrata Italja, bin-numru ta' registrazzjoni 3SR841, b'diversi atti maghmulin

minnu fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. Stad fl-ibhra tas-sajd minghajr ma kien awtorizzat b’licenzja moghtija lilu u dan bi ksur ta’ Artikolu 10(1)(2) tal-Kapitlu 425 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi bhala l-Kaptan ta’ l-istess bastiment tas-sajd barrani li kellu hut abbord, naqas li javza lill-ufficjal ghat-tharis tas-sajd bl-ammonti, bid-deskrizzjoni u bil-presentazzjoni ta’ hut abbord il-bastiment qabel ma’ l-bastiment dahal fl-ibhra tas-sajd u / jew qabel ma’ l-bastiment telaq minn area ta’ l-ibhra tas-sajd u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 11(1)(2) tal-Kap 425 tal-Ligijiet ta’ Malta.
3. U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, bhala l-Kaptan zamm u / jew halla li jinzamm hut li ma kienx ttiehed skond licenzja tas-sajd jew f’ammont li jiskorri dak li jippermettu r-regolamenti ghall-protezzjoni ta’ stocks ta’ hut abbord l-istess bastiment tas-sajd u dan bi ksur ta’ Artikolu 13 ta’ Kap 425 tal-Ligijiet ta’ Malta
4. U iktar talli fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, it-taghmir tas-sajd tieghu jew dik il-parti mit-taghmir li ma kinitx mehtiega, ma kienux stivati b’tali mod kif preskritt fil-Kapitlu 425 tal-Ligijiet ta’ Malta u kienu ghal-lest li jintuzaw ghas-sajd bi ksur ta’ Artikolu 14 ta’ Kapitlu 425 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll li f’kaz ta’ htija b’zieda ma kull piena ohra li tista’ timponi, tordna li kull taghmir tas-sajd, strument u apparat uzati fl-ghemil ta’ dan ir-reat u kull hut abbord il-bastiment tas-sajd jew id-dhul mill-bejgh tieghu ikunu konfiskati favur il-Gvern ta’ Malta skond l-Artikolu 32 tal-Kapitlu 25 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-ammissjoni ta’ l-imputat ghal dawn l-imputazzjonijiet, liema ammissjoni huwa kkonferma wara li nghata zmien xieraq biex jahsibha. Ghaldaqstant dawn l-imputazzjonijiet gew ppruvati skond il-ligi.

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17H u 18 tal-Kap 9, l-Artikoli 10(1)(2), 11(1)(2), 13, 14, 30(2) tal-Kap 425 tal-Ligijiet ta’

Malta ssib lill-imputat hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontrieh b’dan pero li r-raba’ imputazzjoni hija assorbita fl-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti wara li rat il-verbal li sar seduta stante, kemm mid-difiza u kif wkoll mill-prosekuzzjoni, dwar il-patteggjament li lahaq sar bejniethom, qed tikkundanna lill-imputat ihallas multa komplessiva ta’ 35,000 Euro u dan irid isir fi zmien 24 siegha millum. Il-ftehim huwa ghall-multa biss. Sakemm jithallsu l-flus, id-dghajsa tibqa’ fil-port u ma jinghata ebda dokument illi gie esebit fil-mori ta’ dawn il-kawza. Fl-ahhar nett, il-bejgh li sar tal-hut li kien hemm fuq id-dghajsa meta din inqabdet fl-ibhra territorjali Maltin, ikun konfiskat favur il-Gvern ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------